# PRINCE’S TRUST INTERNATIONAL ACHIEVE

**Għażla tas-Suġġett**: **Prince’s Trust International Achieve**

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: __x__**
**Akkademika**: _____
**Vokazzjonali:** __x__

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**
PTI Achieve għandu l-għan li jsaħħaħ l-iżvilupp personali u l-ħiliet fl-impjegabilità tal-istudenti Maltin, b'enfasi fuq il-karrieri u t-tħejjija għax-xogħol b'opportunitajiet biex jingħaqdu ma' min iħaddem. Il-Programm PTI jipprovdi liż-żgħażagħ bl-ispazju u l-attenzjoni meħtieġa biex jitgħallmu l-ħiliet, jiżviluppaw il-kunfidenza, jgħollu l-aspirazzjonijiet u jtejbu l-attitudni tagħhom għat-tagħlim kif ukoll biex jifformaw sens ta' appartenenza fix-xogħol u l-iżvilupp tagħhom. L-istudenti jiksbu s-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet u jiżviluppaw ħiliet ta' tmexxija sabiex iħejju ruħhom għall-progressjoni fi programmi għal aktar edukazzjoni jew fid-dinja tax-xogħol. L-istudenti li jipparteċipaw fil-programm għandhom firxa wiesgħa ta' suġġetti minn fejn jagħżlu u anke l-għażla li jaħdmu għal kwalifiki differenti f'livelli differenti (MQF Livell 1, MQF Livell 2 u MQF Livell 3).

**Lista ta’ temi studjati:**

1. Ippjanar tal-karriera
2. Esperjenza ta' xogħol
3. Proġett personali
4. Ħiliet ta’ ħidma f’tim
5. Ħiliet fit-tmexxija
6. Ħiliet diġitali
7. Impenn fi proġett fl-intrapriża
8. Proġett tal-komunità
9. Ġestjoni tal-flus
10. Tħejjija għal stil ta' ħajja tajba għas-saħħa
11. Servizz tal-klijent
12. Ippjanar għall-iżvilupp personali
13. Ħiliet interpersonali
14. Ħiliet tal-preżentazzjoni
15. Parteċipazzjoni fl-eżerċizzji

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**
PTI Achieve juża kurrikulu rilevanti li huwa flessibbli, modulari u li jinvolvi lill-istudenti b'firxa wiesgħa ta' attivitajiet, imfassla għall-ħtiġijiet tal-istudenti. L-attivitajiet jinkludu ħidma f'tim, diskussjonijiet, attivitajiet prattiċi u attivitajiet fil-beraħ.

**Xogħol assenjat għad-dar:**
Peress li PTI Achieve jiġi assessjat permezz ta’ assessjar kontinwu, il-kompiti kollha relatati miegħu jitwettqu fil-klassi.

**Assessjar mogħti:**
M'hemmx eżamijiet annwali relatati mal-PTI Achieve u x-xogħol kollu relatat mal-livelli kollha (MQF Livell 1, MQF Livell 2 u MQF Livell 3) huma assessjati permezz ta' portfolji (jew eportfolio) ta' evidenza magħmula fil-klassi matul is-sena skolastika. L-evidenza tal-istudenti tista' tkun f'diversi formati bħal dik miktuba, diġitali, permezz tal-awdjo, vidjo u dik viżwali.

**Lista ta’ ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

| |
|---|
| • Tkabbir tal-iżvilupp personali tagħhom stess u l-involviment fit-tagħlim<br>• Involviment fit-tagħlim li jkun rilevanti għalihom u jappoġġja l-iżvilupp tal-ħiliet personali u attributi li huma essenzjali għall-ħajja tax-xogħol u l-impjieg<br>• Jippreparaw ruħhom għall-progressjoni f' aktar programmi ta' edukazzjoni u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol<br>• Ħiliet ta' ħidma f'tim u ħiliet individwali<br>• Ħiliet ta' komunikazzjoni u preżentazzjoni<br>• Ħiliet relatati max-xogħol<br>• Ħiliet ta' tmexxija<br>• Ħiliet diġitali<br>• Ħiliet interpersonali |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br><br>L-ebda |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** Maureen Amoroso |
| **Indirizz elettroniku**: maureen.amoroso@ilearn.edu.mt |